

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16893/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0129 (COD)**

**CODEC 2159
PI 229
PHARM 193
PE 113**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-immaniġġjar tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) 816/2006 - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, 15 sat-18 ta' Diċembru 2025)

I. VOT

Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjarat li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota**.

¹ 10498/2/25 REV 2.

* Il-titlu tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix għall-verżjoni EN.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P10_TA(2025)0319

Liċenzjar obligatorju għall-immaniġġjar tal-kriżijiet u emenda tar-Regolament (KE) 816/2006

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obligatorju għall-immaniġġjar tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) 816/2006 (10498/2/2025 – C10-0281/2025 – 2023/0129(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (10498/2/2025 – C10-0281/2025),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023²,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0224),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0246/2025).
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill,

² ĠU C, C/2023/865, 8.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/865/oj>.

³ ĠU C, C/2025/1031, 27.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1031/oj>.

f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti iSTRUZZJONIJET lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNES GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni rigward ir-Regolament (KE) Nru 816/2006 fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/...¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-ġestjoni tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE)

816/2006

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-Regolament (KE) Nru 816/2006, f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament.

¹ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tas-serje tar-Regolament adottat skont il-proċedura COD 2023/0129.